MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 11/2009

Karkanja Limited

vs

Christopher Zarb
u s-soċjeta' "Dream Design Woodworks Limited"

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Illi s-soċjeta' esponenti kienet tat kuntratt ta' appalt lill-inimati sabiex dawn jimmanifatturaw bibien ta' l-injam għad-diversi proprjetajiet li s-soċjeta' rikorrenti qed tiżviluppa f'diversi inħawi tal-Gżejjer Maltin;

2. Illi in segwitu għal dan il-kuntratt ta' appalt is-soċjeta' rikorrenti kienet għamlet diversi pagamenti akkont lill-intimati sabiex huma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħol u saħansitra anke assumiet dejn li l-intimati kellhom ma' terzi persuni bl-intenzjoni li l-intimati jħallsu lura l-ammonti li Karkanja Limited kienet ħarġet għan-nom u fl-interess tagħhom billi jimmanifatturaw numru ta' bibien li jkunu ta' valur ugwali għall-ammonti imħallsa mir-rikorrenti fl-interess ta' l-intimati;

3. Illi l-partijiet kienu irregolaw il-pożizzjoni tagħhom bis-saħħa ta' skrittura privata datata erbgħa (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) (oriġinali annessa bħala **Dokument A**) fejn l-intimati kienu kkostitwew ruħhom ċerti u likwidi debituri fil-konfront tas-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' mija u sebat'elef mija u wieħed u ħamsin ewro u sbatax-il ewro ċenteżmu (€ 107,151.17) ekwivalenti għal sitta u erbgħin elf lira maltin (LM 46,000) rappreżentanti pagamenti bil-quddiem ġia' magħmula mis-soċjeta' esponenti a favur ta' l-intimati għal xogħol ta' manifattura ta' bibien li l-intimati kellhom jikkonsenjaw pero' naqsu li jikkonsenjaw lis-soċjeta' rikorrenti;

4. Illi dan l-ammont kellu jitħallas permezz ta' manifattura ta' numru ta' bibien bil-prezz ta' mitejn u disa' ewro u erbgħa u sittin ewro ċenteżmi (€209,64), eskluża l-VAT u dan billi jiġu manifatturati ħamsin (50) bieb fix-xahar fuq medda ta' ħdax (11) –il xahar skond skeda A annessa ma' l-istess skrittura;

5. Illi minkejja li s-soċjeta' esponenti tat il-qisien neċessarji u bil-miktub lill-intimati skond ma kienet tistipula klawsola (v) tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet u l-intimati debitament rċevew dan il-pre-avviż, l-istess intimati naqsu li jissuplixxu l-bibien għax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2008;

6. Illi l-intimati baqgħu inadempjenti anke wara li għaddew l-għaxart (10) ijiem ta' xogħol *grace period* mid-data ta' l-iskadenza konċessi lill-intimati fl-iskrittura u

dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet verbali li saru mir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti;

7. Illi per konsegwenza l-intimati ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom u l-ammont intier speċifikat fl-iskrittura ta' l-4 ta' Awissu 2008 sar dovut fi flus kontanti;

8. Illi d-debitu imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut u safejn taf is-soċjeta' esponenti l-intimati ma għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jqajmu għat-talba illi dan il-kreditu dovut lis-soċjeta' esponenti jitħallas;

9. Illi minkejja li l-intimat Christopher Zarb jirrisjedi Malta u s-soċjeta' Dream Design Woodwords Limited għandha r-r*registered office* tagħha f'Malta, l-intimati rrinunzjaw għall-benefiċċju tal-*privilegium fori* mogħti lilhom bis-saħħa ta' l-artikolu 767 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u hija għalhekk li din il-kawża qed issir quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tiddikjarakom debituri *in solidum* fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u sebat-elef mija u wieħed u ħamsin ewro u sbatax-il ewro ċenteżmu (€ 107,151.17) rappreżentanti pagamenti bil-quddiem magħmula mis-soċjeta' rikorrenti lilkom intimati għall-manifattura ta' bibien, liema ammont sar dovut fi flus kontanti fit-termini ta' l-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet datata erbgħa (4) ta' Awissu 2008, bl-interessi mid-data ta' l-iskrittura sad-data ta' l-effettiv pagament stante li dan huwa debitu kummerċjali;

3. Tikkundannakom tħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' mija u sebat-elef mija u wieħed u ħamsin ewro u sbatax-il ewro ċenteżmu (€107,151.17) flimkien ma' l-interessi relattivi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kawża u tal-mandati opportuni li jistgħu jsiru in sostenn ta’ din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ Lulju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori.*

Rat is-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-din l-eċċezzjoni.

Innotat illi fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2010 ġew ippreżentati l-kapitoli għas-subizjoni tal-konvenuti, billi dawn, imsejħa tliet darbiet, naqsu li jidhru għal din l-udjenza.

Rat l-istess kapitoli li nfetħu fl-udjenza sussegwenti tad-9 ta' April 2010, u ġew ikkonsidrati ammessi skond il-liġi, wara li l-istess konvenuti reġgħu naqsu li jattendu f'dik l-udjenza biex jikkontestaw dawn il-kapitoli.

Rat il-verbal tagħha ta' l-istess data li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra  tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrifondulha s-somma ta' mija u seba' telef mija wieħed u ħamsin euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR107,151.17) minnha mħallsa inutilment lill-konvenuti għal ordni ta' manufattura ta' ammont ta' bibien li baqgħet qatt ma ġiet ikkonsenjata lilha minkejja diversi nterpellazzjonijiet, flimkien ma' l-interessi relattivi mid-data ta' l-iskrittura privata li kienet saret bejn il-partijiet fl-erbgha (4) ta' Awwissu 2008 (Dok. A, anness mar-Rikors ġuramentat a fol. 10 - 14 tal-proċess).

In vista tal-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenuti li ġew dikjarati ammessi, wara li l-istess konvenuti naqsu li jattendu għall-udjenza li għaliha kienet tħalliet il-kawża

għall-kontestazzjoni ta' dawn il-kapitoli, it-talbiet attriċi għandhom jintlaqgħu kif magħmula.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

(i) tiddikjara lill-konvenuti *in solidum* bejniethom debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' mija u sebat elef mija u wieħed u ħamsin euro u sbatax-il euro (Eur 107,151.17) rappreżentanti pagamenti bil-quddiem magħmula mill-istess soċjeta' rikorrenti lill-intimati għall-manufattura ta' bibien, liema ammont sar dovut fi flus kontanti fit-termini ta' l-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet u datata l-erbgħa (4) ta' Awwissu 2008, bl-interessi mid-data ta' l-istess skrittura sad-data tal-pagament effettiv, stante li dan huwa debitu kummerċjali;

(ii) tikkundanna lil-istess konvenuti jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' mija u sebat elef mija wieħed u ħamsin euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 107,151.17) flimkien ma' l-interessi relattivi kkalkulati kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Ottubru 2009, kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------